# ĊENSU MIFSUD BONNICI

Imwieled ġo' Ħall-Qormi fl-1871 mis-Sinjura Virġinja u is-Sur P. Pawl Mifsud Bonnici, bin it-tabib ta' dak ir-raħal, trabba u ħa l-ewwel edukazzjoni fl-Iskola tal-Mellieħa, miftuħa għal l-ewwel darba mill-papà tiegħu u f'idejh fdata sakemm il-mewt ħasditu qasir il-għomor, meta Censinu, it-tieni fost tmien ulied, kien għad għandu xi disa' snin. Il-mewt ħesrem tas-Surmast, missieru, raġġħet ħadithom għal ftit f'Ħall-Qormi, fi ħdan zijiethom, is-Sur Gużè u is-Sur Rikard, ulied għożżieb ta' Dr. Feliċ li kien miet ftit wara t-twelid ta' Ċensu u min hemm għal Ħamrun fejn, żagħżugħ u miżżewweġ, issokta jgħix sal-mewt, barra mis-sentejn li qatta' Għawdex kif laħaq "Storekeeper" fl-Isptar ta' hemm.



Is-Sinjura Virġinja, għalkemm armla, bir-renta żgħira u il-għaqal kbir tagħha rabbief l'uliedha fl-iskola, kif xerqilhom u Ċensinu ma damx ma ġie mressaq u għadda għal Liceo fejn wera intelliġenza m'hix komuni, l-aktar għal-lsien Ingliż, Taljan u Franċiż. Kif wasal għall-Matrikula, xejn ma sewa it-tħajir ta' ħuh il-kbir, li issa kien laħaq "Skrivan fiċ-ċivil", biex Ċensu jissokta l-istudju għall-professjoni. Deherlu li ma għandux jibqa' aktar ta' tagħbija lill-familja anzi li jfittex hu wcoll igħinha mill-aktar fis. Għalhekk sakemm wasal il-waqt għamilha ta' "Skrivan fil-Public Works" tal-Imdina,

inbagħad għadda mill-esami ta' "Assistent Storekeeper" u biż-żmien laħaq "Storekeeper".

Kien iħobb wisq jistudja in-natura tal-beraħ, fuq kollox il-fjuri salvaġġi, studju li għamlu, kif kullħadd jaf, poeta Malti mill-aqwa; xhieda ta' dan hija il-poeżija tiegħu li ħadet il-premju fil-concors taċ-Ċentinarju ta' S. Duminku. Iżda l-akbar imħabba, l-aqwa ġibda tiegħu kien il-lsien safi ta' art twelidu. Il-posiżjoni tiegħu fl-Istituti tal-Karità, il-Manikomju, l-Imgieret, u l-Isptar laqqgħetu ma' bosta nies, xjuħ l-aktar, li bil-mistoqsijiet tiegħu swewlu ta' għajnuna fl-istudju ta' lsien misserijietna. Dħuli, ta' qalb tajba, jiġbdek, ta' nofs kelma u fuq kollox umli, ħadd ma kien jiċħadlu tweġiba għall-mistoqsijiet tiegħu. Dnub, jaħasra li twebbel wisq tard għal biċċa xogħol ta' kbira fejda li kienet tibqa' tifkira u teżor għal ta' warajna!...Irridu ngħidu il-Vokabolarju Malti li kellu mibdi. Mitni fuq ir-reġistri sa wara għib-ix-xemx, wisq ftit kien jibqagħlu żmien għal-Letteratura Maltija, tant għal qalbu, fi ħdan il-familja. Għax is-Sur Viċenz fula f'qargħa, kont tarah fi pjazez, f'ballijiet, f'teatri, u wisq anqas f'Kasini. Il-għors tiegħu kien id-dar mal-familja, imdawwar b'karti, gazzetti, reġistri, jikteb xi poeżija, xi ħrejjef missirijetna, xi romanz, jew ihejji xi abbozzi għal-Vokabolarju tiegħu. La qegħdin insemmuhom, min jati daqqa ta' għajn lejn dawn l-abbozzi, għandu jgħid li ftit wisq għad issa fadal min jaf il-Malti minn għerqu kif kien jafu hu. L-istess għaref P. Magri, Ġeżuita, kien dlonk imur ifittxu, meta kien Għawdex, u jqatta' miegħu is-sigħat biex minnu jieħu l-Għerf bla mictub ta' Ħrejjef Missirijietna.

Marid u mnikket għall-firda mit-tliet għeżież ta' daru—martu li mietet, bintu l-waħda li ż-żewġet u l-oħra li saret soru—ħtieġlu jieħu l-pensjoni qabel il-waqt. Miġbur ma ħutu għożżieb, kien iqatta' l-għodwiet, meta jiflaħ, fis-smigħ tal-Quddiesa u fiż-żjarat ta' bintu, ta' xi foqra jew morda; u wara nofs in-nhar jatiha għall-ktiba tad-dizjunarju. Taħsbux, iżda li kien jiddejjaq jekk jinqalagħlu bżonn jitlaq dan ix-xogħol għal qalbu biex igħin lin-neputi student, jew biex, bħal ma qablu għamel missieru, jikteb *gratis* lil min hu mdejjaq xi ittra, xi petizzjoni, xi rikors u hekk, bla ma nsemmu il-poeżiji u l-indirizzi. Kullħadd kien jinqeda u jitfarraġ mis-Sur Viċenż Mifsud Bonnici; u kullħadd bierku, bkieh u talab għalih kif sama' b'mewtu. Baqa' jaħdem għall-proxxmu sa

fuq is-sodda tal-mewt. Miet ta' 58 sena mfarrag bil-għodda t'Alla fl-4 ta' Diċembru 1929.

Barra xi xogħlijiet li ħalla bla mitmuma, insemmu:— *Poeżija 'l Alla* u *Dammet ix-Xhur,* stampati fil-Mgħodija taż-Żmien, u bosta poeżijiet oħra li dehru fil-*Messaggier tal-Qalb ta Gesù,* fil-*Malti* tagħna, u f'Almanakki, li wħud minnhom kienu gew premjati. Ħalla wcoll bla stampati s-*Sultan tad-Djamanti,* poeżija maħlula (sciolta) ta' 2400 vers, it-*Tliet Saħħara* li fiha mat-300 vers, tassew żewġ ġawhriet fil-poeżija Maltija, u xi romanzi. F'din il-ħarġa tal-Malti ġibna dawn il-poeżiji *Tantum Ergo* u *Lil Kewkba Feġġa* li sabulu mal-karti.